

Brussell, 3 ta' Ottubru 2016
(OR. en)

12726/16

Fajls Interistituzzjonali:
2016/0132 (COD)
2016/0131 (COD)

ASILE 40
EURODAC 10
ENFOPOL 312
CODEC 1351

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	8765/1/16 ASILE 13 EURODAC 3 ENFOPOL 132 CODEC 630
Suġġett:	– Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-istabbiliment tal-"Eurodac" għat-tqabbil ta' marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-[Regolament (UE) Nru 604/2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida], għall-identifikazzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida li qed tirisjedi illegalment u dwar talbiet għat-tqabbil ma' data tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi (riformulazzjoni) – Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil u li tħassar ir-Regolament (UE) Nru 439/2010 = Dibattitu ta' orjentazzjoni

REGOLAMENT EURODAC

1. Fl-4 ta' Mejju 2016, il-Kummissjoni ressqet proposta għal riformulazzjoni tar-Regolament Eurodac¹. Il-proposta tinkludi l-bidliet meħtieġa għall-adattament u t-tisħiħ tas-sistema Eurodac f'konformità mar-regoli l-ġodda ta' Dublin u għall-espansjoni tal-iskop tagħha biex tgħin fit-trattament tal-migrazzjoni irregolari u tiffaċilita r-ritorni.

¹ dok. 8765/1/16 REV 1

2. Fil-laqgħat tiegħu tas-26 ta' Mejju, l-14 ta' Ġunju u l-14 ta' Lulju, il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Asil eżamina bir-reqqa l-proposta kif ukoll is-suġġerimenti ta' kompromess tal-Presidenza li jirriflettu l-kummenti li saru. Filwaqt li ħafna delegazzjonijiet għad għandhom riżervi ta' skrutinju, huma wrew appoġġ ġenerali għall-oġettivi tal-proposta li testendi l-ambitu tagħha bl-inklużjoni tal-possibbiltà li l-Istati Membri jaħżnu u jfittxu data ta' persuni li mhumienx applikanti għall-protezzjoni internazzjonali sabiex ikunu jistgħu jiġu identifikati għal skopijiet ta' ritorn u riammissjoni.
3. Waħda mill-kwistjonijiet li jeħtieġ li tkompli tiġi eżaminata u ggwidata tinkludi l-kondizzjonijiet għall-aċċess tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi għall-Eurodac.

Ir-Regolament Eurodac tal-2013 introduċa aċċess għall-bażi tad-data mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-investigazzjoni ta' terroriżmu u reati serji oħra. Id-data fil-Eurodac hija disponibbli, soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament, biex tiġi mqabbla mill-awtoritajiet maħtura tal-Istati Membri u mill-Europol.

Filwaqt li d-dispożizzjonijiet marbutin mal-aċċess tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi ma ġewx emendati fil-proposta, il-premessa 14 tirreferi għall-ħidma tal-Grupp ta' Esperti dwar Sistemi ta' Informazzjoni u Interoperabbiltà, stabbilit abbażi tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Sistemi ta' Informazzjoni aktar b'saħħithom u aktar intelliġenti għall-Fruntieri u s-Sigurtà², li għandha, fost l-oħrajn, teżamina jekk hemmx bżonn ta' reviżjoni tal-qafas legali għall-aċċess tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi għall-Eurodac. Inġibdet l-attenzjoni wkoll għall-Pjan Direzzjonali³ li fih azzjonijiet għat-titjib tal-ġestjoni tal-informazzjoni u l-iskambju tal-informazzjoni fil-qasam tal-ĠAI.

Deher ċar waqt l-eżamijiet li saru s'issa, inkluż il-laqgħa tas-SCIFA tat-13 ta' Settembru⁴, li ħafna Stati Membru huma favur aċċess simplifikat u aktar ġenerali tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi għall-Eurodac sabiex id-data tkun tista' tintuża għall-prevenzjoni tat-terroriżmu u theddid relatat ieħor għas-sigurtà bl-aktar mod effiċjenti. L-aċċess skont ir-regoli attwali jitqies kumplikat u l-lista ta' awtoritajiet awtorizzati li jkollhom aċċess hija wisq restrittiva.

² dok. 7644/16

³ Pjan Direzzjonali għat-titjib tal-iskambju tal-informazzjoni u l-ġestjoni tal-informazzjoni inklużi soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni (9368/1/16 REV 1)

⁴ dok. 11943/16

4. Il-Presidenza tixtieq tistieden lill-Kunsill jikkonferma l-appoġġ tiegħu għal aċċess simplifikat u aktar ġenerali tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi għall-Eurodac u jstieden lill-korpi preparatorji tiegħu jeżaminaw modi li bihom isiru l-bidliet adatti fil-proposta.

B'kont meħud b'mod partikolari tal-fatt li jeħtieġ li tali aċċess ġeneralizzat u simplifikat għal skopijiet tal-infurzar tal-liġi jkun proporzjonat u neċessarju, il-Ministri mistednin jindikaw l-ambitu u l-kondizzjonijiet ta' tali bidliet, li fil-fehma tagħhom għandhom jiġu introdotti fil-proposta tal-Kummissjoni msemmija hawn fuq.

REGOLAMENT DWAR L-AĠENZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦALL-ASIL

5. Fl-4 ta' Mejju 2016, il-Kummissjoni adottat ukoll proposta għar-Regolament dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil⁵. Il-proposta għandha l-għan li ssaħħaħ ir-rwol tal-EASO u li tiżviluppah f'Aġenzija li tiffaċilita l-implimentazzjoni u ttejjeb il-funzjonament tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil (SEKA). L-Aġenzija hija waħda mill-għodod li jistgħu jintużaw biex jindirizzaw b'mod effettiv id-dgħufijiet strutturali tas-SEKA li komplew jiżdiedu bil-wasla reċenti fuq skala kbira ta' migranti u persuni li jfittxu l-asil fl-UE.
6. L-eżami dettaljat tal-proposta mill-Istati Membri beda fil-Grupp ta' Ħidma dwar l-Asil li ltaqa' fil-15 ta' Ġunju u kompla fis-6 u d-29 ta' Settembru, meta l-Istati Membri lestew l-ewwel ċiklu ta' eżami tal-proposta sħiħa. Filwaqt li l-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri laqa' tajjeb l-għan ġenerali tal-proposta li ssaħħaħ ir-rwol tal-EASO, jidher ċar mid-diskussjonijiet li hemm bżonn ta' aktar kjarifika rigward diversi aspetti tal-proposta.

⁵ dok. 8742/16 + ADD 1

7. L-Istati Membri esprimew għadd ta' punti ta' tħassib rigward b'mod partikolari l-mekkaniżmu għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni tas-sistemi tal-asil u tal-akkoljenza tal-Istati Membri li l-Aġenzija qed tingħata l-kompitu li tistabbilixxi (Artikoli 13 sa 15). Diversi Stati Membri kienu tal-fehma li r-rwol issuġġerit għall-Aġenzija proposta f'dan ir-rigward ikun wisq ġenerali u li jkun jikkoinċidi mas-setgħat tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, diversi Stati Membri qiesu li għandu jkollhom rwol akbar fl-eżerċizzju tal-monitoraġġ. Din il-kwistjoni ġiet diskussa wkoll fil-laqgħa tas-SCIFA tat-13 ta' Settembru. Minn dawn id-diskussjonijiet irriżulta li l-maġġoranza tad-delegazzjonijiet jistgħu jaċċettaw li l-Aġenzija jkollha rwol limitat fil-monitoraġġ waqt li jenfasizzaw li l-Aġenzija għandha żżomm ir-rwol primarju tagħha li tagħti appoġġ lill-Istati Membri.
8. Sabiex tirċievi aktar gwida rigward din il-kwistjoni, il-Presidenza tixtieq li l-Ministri jwieġbu għal din il-mistoqsija:
- taqbel li l-mekkaniżmu ta' monitoraġġ għall-Aġenzija tal-UE għall-Asil futura jista' jkun simili għall-valutazzjoni tal-vulnerabbiltà kif stabbilita fir-Regolament dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta li jippermetti lill-Aġenzija tal-UE għall-Asil tagħmel monitoraġġ regolari tal-applikazzjoni Prattika tas-SEKA u l-kapaċità tal-Istati Membri li jwettqu l-kompiti relatati?
-